L-investiment tal-Partit f'impriża assoċjata huwa miżmum fil-karta tal-bilanċ f'ammont li jirrifletti s-sehem tiegħu ta' attiv netti tal-assoċjat u jinkludi avvjament (nett minn kull telf akkumulat minn taħsir) fl-akkwist. Il-metodu tal-valur propjetarju tal-kontabilità jitwaqqaf meta l-ammont miżmum ta' investiment fl-impriża assoċjata jilħaq iż-żero, ħlief jekk il- Partit ikun ġarrab obbligu jew ikun iggarantixxa obbligu fir-rigward ta' l- impriża assoċjata. Mat-tneħħija ta' investiment, id-differenza bejn ir-rikavat nett mid-disponiment u l-ammont miżmum huwa ddebitat jew ikkreditat fil- kont tal-qligħ u t-telf.

**1.6 Istrumenti finanzjarji**

L-istrumenti finanzjarji, ħlief l-investimenti f'entitajiet ikkontrollati, huma kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin: self u ammonti riċevibbli u attiv finanzjarji disponibbli għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni tiddependi fuq l-iskop li għalih kienu akkwistati l-attiv finanzjarji. L-amministraturi jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tal-attiv finanzjarji fir-rikonoxximent inizjali u jerġaw jevalwaw din id-denominazzjoni f'kull data ta' rappurtar.

(a) Self u ammonti riċevibbli

Self u ammonti riċevibbli huma attiv finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew determinabbli li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn huma inklużi fl-attiv kurrenti, ħlief għal maturitajiet ta' aktar minn 12-il xahar wara d-data tar-rappurtar. Dawn huma kklassifikati bħala attiv mhux kurrenti.

(b) Attiv finanzjarji disponibbli għall-bejgħ

Investimenti maħsuba biex jinżammu għal perjodu ta' żmien indefinit, li jistgħu jinbiegħu bħala reazzjoni għal ħtieġa ta' likwidità jew bidliet fir-rati ta' imgħax, huma kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ. Dawn huma inklużi fl-attiv mhux kurrenti ħlief jekk it-tmexxija għandha l-intenzjoni li tiddisponi mill-investiment fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rappurtar. F'dan l-aħħar każ, l-investiment huwa klassifikat fi ħdan l-attiv kurrenti.

**1.6.1 Rikonoxximent u kejl**

It-titoli ta' investiment kollha huma inizjalment rikonoxxuti bil-kost tagħhom. Titoli disponibbli għall-bejgħ huma sussegwentement mitkejla mill-ġdid bil-valur ġust ibbażat fuq il-prezz li jidher li jkun l-aħħar prezz ta' negozju disponibbli bbażat fuq kwotazzjonijiet tas-suq. Qligħ u telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tat-titoli kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti fl-ishma. Meta t-titoli jiġu mneħħija jew mħassra, l-aġġustamenti tal-valur ġust akkumulat relatat, huma inklużi fid-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq bħala qligħ u telf minn titoli ta' investiment.

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**Sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità** - *ikompli*

Kull xiri u bejgħ ta' investimenti huma rikonoxxuti fid-data tal-kummerċ, li hija d-data li l-entità timpenja ruħha li tixtri jew tbigħ l-attiv. Il-kost tax-xiri jinkludi l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Attiv finanzjarju huwa mħassar jekk l-ammont miżmum tiegħu jkun ikbar mill-ammont rekuperabbli stmat tiegħu. L-ammont tat-telf mit-taħsir għal attiv miżmuma b'valur ġust huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn l-ammont miżmum tal-attiv u l-valur preżenti tal-liwidità futura mistennija skontat bir-rata tas-suq kurrenti ta' interess ta' attiv finanzjarji simili.

**1.6 Istrumenti finanzjarji**

**1.6.2 Taħsir ta' attiv finazjarji**

Attiv finanzjarju jew grupp ta' attiv finanzjarji huwa mħassar u telf minn taħsir huwa mġarrab jekk ikun hemm evidenza oġġettiva ta' taħsir bħala riżultat ta' avveniment wieħed jew iktar li ġraw wara r-rikonoxximent inizjali tal-attiv ('avveniment mitluf') u dak l-avveniment mitluf (jew avvenimenti) ikollu impatt fuq l-istima tal-likwidità futura tal-attiv finanzjarju jew grupp ta' attiv finanzjarji li jista' jkun stmat b'mod affidabbli.

Jekk hemm evidenza oġġettiva li telf minn taħsir fuq attiv finanzjarji meqjusa bil-prezz ammortizzat, ġew imġarrba, l-ammont tat-telf jiġi vvalutat bħala d-differenza bejn l-ammont meqjus tal-attiv u l-valur kurrenti tal-istimi tal-likwidità futura (minbarra telfiet futuri tal-kreditu li għadhom mhux imġarrba) skontat bir-rata ta' imgħax effettiva oriġinali tal-attiv finanzjarju (jiġifieri r-rata effettiva tal-imgħax ikkalkolata fir- rikonoxximent inizjali). L-ammont tat-telf għandu jiġi rikonoxxut fil-kont tad-dħul u l-infiq. Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minn taħsir jonqos u dan it-tnaqqis jista' jiġi relatat b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li t-taħsir kien rikonoxxut, it-telf mit-taħsir rikonoxxut qabel għandu jitreġġa' lura. It-treġġigħ lura m'għandux jirriżulta f'ammont meqjus tal-attiv finanzjarju li jaqbeż dak il-kost amortizzat li kien ikun hemm li kieku t-taħsir ma kienx rikonoxxut fid-data li t-taħsir treġġa' lura. L- ammont tat-treġġigħ lura għandu jkun rikonoxxut fil-kont tad-dħul u l-infiq.

Jekk hemm evidenza oġġettiva li telf minn taħsir ikun iġġarrab fuq strument ta' ishma mhux ikkwotat li ma jkunx meqjus bil-valur xieraq minħabba li l-valur xieraq tiegħu ma jistax jitkejjel b'mod affidabbli, l-ammont tat-telf minn taħsir huwa mkejjel bħala d-differenza bejn l-ammont meqjus tal-attiv finanzjarju u l-valur kurrenti tal-istimi tal-likwidità futura skontat bir-rata tar-rendita kurrenti fis-suq dwar attiv finanzjarju simili. Telf minn taħsir bħal dan m'għandux jitreġġa' lura.

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**Sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità** - *ikompl*

Meta tnaqqis fil-valur xieraq ta' attiv finanzjarju disponibbli għall-bejgħ jiġi rikonoxxut direttament f'ishma u hemm evidenza oġġettiva li l-attiv huwa mħassar, it-telf kumulattiv li kien ġie rikonoxxut direttament fl-ishma għandu jiġi rriklassifikat minn ishma għal kont tad-dħul u l-infiq bħala aġġustament ta' riklassifikazzjoni anki jekk l-attiv finanzjarju ma jkunx baqa` rikonoxxut.

L-ammont tat-telf kumulattiv li jitnaqqas mill-ishma u li hu rikonoxxut fil- kont tad-dħul u l-infiq għandu jkun id-differenza bejn il-kost tax-xiri (nett minn kull ħlas lura prinċipali u amortizzament) u l-valur xieraq kurrenti, li minnu jitnaqqas kull telf minn taħsir fuq dak l-attiv finanzjarju li kien qabel rikonoxxut fil-kont tad-dħul u l-infiq.

Telf minħabba taħsir rikonoxxut fil-kont tad-dħul u l-infiq għal investiment fi strument ta' ishma klassifikat bħala disponibbli għall-bejgħ m'għandux ikun imreġġa' lura permezz tal-kont tad-dħul u l-infiq. Jekk, f'perjodu sussegwenti, il-valur xieraq ta' strument ta' debitu kklassifikat bħala disponibbli għall-bejgħ żied, u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li t-telf minn taħsir kien rikonoxxut fil-kont tad-dħul u l-infiq, it-telf minn taħsir għandu jitreġġa' lura, bl-ammont tat-treġġigħ ikun rikonoxxut fil-kont tad-dħul u l-infiq.

**1.7 Inventarji**

L-inventarji jitkejlu f'dak l-ammont li jkun l-inqas bejn il-prezz tax-xiri u l- valur nett li jġib. L-ispiża tinkludi l-ispejjeż kollha ta' xiri u spejjeż oħra li ntnefqu sabiex l-inventarji jinġiebu fil-lok u l-kundizzjoni attwali tagħhom. Valur nett li jġib jirrappreżenta l-prezz tal-bejgħ stmat fil-kors ordinarju tan- negozju li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż stmati u meħtieġa biex isir il-bejgħ.

**1.8 Ammonti riċevibbli u self lill-entitajiet ikkontrollati**

Ammonti riċevibbli jinkludu l-ammonti dovuti għall-merkanzija mibjugħa jew servizzi mwettqa fil-kors ordinarju tal-operazzjonijiet. Jekk il- kollezzjoni hija mistennija fi żmien sena jew inqas (jew fiċ-ċiklu operattiv normali tal-kummerċ jekk itwal), huma kklassifikati bħala attiv kurrenti. Jekk le, dawn huma ppreżentati bħala attiv mhux kurrenti.

Ammonti riċevibbli u s-self lill-entitajiet ikkontrollati huma rikonoxxuti inizjalment skont kemm jiswew. Wara r-rikonoxximent inizjali, dawn huma kontabilizzati bil-kost amortizzat u mkejla mill-ġdid biex tittieħed konjizzjoni ta' telf minn taħsir. Il-kost amortizzat huwa l-ammont tal-kejl inizjali aġġustat għall-amortizzament ta' kwalunkwe differenza bejn l-ammonti inizjali u ta' maturità li jużaw il-metodu ta' imgħax effettiv.

**IL-PARTIT POLITIKU**

*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**Sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità** - *ikompli*

Provvediment għal taħsir jiġi stabbilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-partit mhux se jkun jista' jiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tal-ammonti riċevibbli. Diffikultajiet finanzjarji sinifikanti tad-debitur, probabbiltà li d-debitur jfalli jew jidħol f'riorganizzazzjoni finanzjarja, u inadempjenza jew delinkwenza fil-pagamenti huma kkunsidrati indikaturi li l-ammont riċevibbli huwa mħassar. L-ammont tal- provvediment huwa d-differenza bejn l-ammont miżmum tal-attiv u l-valur preżenti tal-likwidità futura stmata, skontat bir-rata ta' imgħax effettiva oriġinali. L-ammont miżmum tal-attiv jitnaqqas permezz tal-użu ta' kont ta' provvediment, u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fi dħul u nfiq. Meta ammont riċevibbli ma jistax jinġabar, huwa mħassar kontra l-kont ta' provvediment għall-kummerċ u ammonti riċevibbli oħrajn. Irkupri sussegwenti ta' ammonti li kienu mħassra qabel għandhom jiġu akkreditati kontra d-dħul u l-infiq.

1.9 **Flus kontanti u ekwivalenti ta' flus**

Flus jinkludu flus fl-idejn u depożiti li jkunu jistgħu jinġibdu fuq sempliċi talba. L-ekwivalenti ta' flus huma investimenti għal żmien qasir li huma miżmuma biex jiġu sodisfatti impenji ta' flus kontanti għal żmien qasir pjuttost milli għall-investiment jew għal skopijiet oħra. *Overdrafts* bankarji, li jitħallsu lura fuq sempliċi talba u jiffurmaw parti integrali mill- immaniġġjar tal-flus kontanti tal-Partit, huma komponent ta' flus kontanti u ekwivalenti ta' flus.

1.10 **Obligazzjonijiet finanzjarji**

Il-Partit jirrikonoxxi obbligazzjoni finanzjarja fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-pożizzjoni finanzjarja meta jsir parti mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali tal-istrument. Obbligazzjonijiet finanzjarji huma rikonoxxuti inizjalment skont kemm jiswew, nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet. Dawn l-obbligazzjonijiet huma sussegwentement imkejla b'valur amortizzat. Il-Partit ma jirrikonoxxix obbligazzjoni finanzjarja fid-dikjarazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tiegħu meta l-obbligu speċifikat fil-kuntratt jew l-arranġament huwa eżegwit, kkanċellat jew ikun skada.

1.11 **Ammonti pagabbli oħra**

L-ammonti pagabbli huma obbligazzjonijiet għall-ħlas għal oġġetti jew servizzi li jkunu nkisbu fil-kors ordinarju tal-operazzjonijiet minn fornituri. Kontijiet pagabbli huma kklassifikati bħala passiv kurrenti, jekk ħlas ikun dovut fi żmien sena jew inqas (jew fiċ-ċiklu operattiv normali tal-kummerċ jekk itwal). Jekk le, dawn huma ppreżentati bħala passiv mhux kurrenti.



**Sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità** - *ikompli*

Kummerċ u ħlasijiet oħra huma rikonoxxuti inizjalment skont kemm jiswew, nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni mġarrba, u sussegwentement imkejla skont il-politika deskritta hawn fuq. Meta ma jibqgħux iktar rikonoxxuti, kull differenza bejn l-ammont miżmum u l-ammont tal-fidwa jew saldu hu rikonoxxut fi dħul u nfiq.

**1.12 Self**

L-ammonti missellfa huma rikonoxxuti inizjalment skont kemm jiswew, nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni mġarrba, u sussegwentement imkejla skont il-politika deskritta fin-nota Obbligazzjonijiet Finanzjarji. Meta ma jibqgħux iktar rikonoxxuti, kull differenza bejn l-ammont miżmum u l-ammont tal- fidwa jew saldu hu rikonoxxut fi qligħ jew telf.

Self huwa kklassifikat bħala passiv kurrenti ħlief jekk il-Partit għandu dritt mhux kondizzjonali li jipposponi s-saldu tal-passiv għal mill-inqas tnax-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar.

**1.13 Tpaċija ta' istrumenti finanzjarji**

L-attiv u l-obbligazzjonijiet finanzjarji jigu paċuti u l-ammont nett rrappurtat fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja meta jkun hemm dritt infurzabbli legalment li tpaċi l-ammonti rikonoxxuti u hemm l-intenzjoni li ssalda fuq bażi netta, jew tirrealizza l-attiv u ssalda l-obbligazzjoni simultanjament.

**1.14 Kirjiet**

(a) Il-Partit huwa l-kerrej

Kirijiet ta' attiv li fihom parti sinifikanti mir-riskji u l-benefiċċji ta' proprjetà huma effettivament miżmuma mis-sid, huma kklassifikati bħala kirjiet operattivi. Ħlasijiet li jsiru taħt kirjiet operattivi (netti minn kwalunkwe inċentivi riċevuti mis-sid) huma ddebitati għal qligħ jew telf fuq bażi tal- linja dritta matul il-perjodu tal-kirja.

(b) Il-Partit huwa s-sid

Attiv mikrija taħt kirjiet operattivi huma inklużi fil-proprjetà, impjant u tagħmir fid-dikjarazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja u huma kontabilizzati skont il-politika tal-kontabilità Proprjetà Impjant u Tagħmir. Dawn huma deprezzati matul iż-żmien tal-utilità mistenni tagħhom fuq bażi konsistenti ma' proprjetà, impjant u tagħmir li l-partit bl-istess mod ikollu. Dħul mill-kiri minn kirjiet operattivi hu rikonoxxut fi qligħ jew telf fuq bażi tal-linja dritta matul il-terminu tal-kiri.

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**Sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità** - *ikompli*

**1.15 Spejjeż tas-self**

L-ispejjeż tas-self li huma mġarrba għall-iskop ta' akkwist jew kostruzzjoni ta' proprjetà, impjant u tagħmir kwalifikanti, proprjetà ta' investiment jew proprjetà miżmuma għall-iżvilupp u l-bejgħ mill-ġdid huma kkapitalizzati bħala parti mill-ispiża tagħha. Attiv kwalifikanti huma attiv li neċessarjament jieħdu perjodu sostanzjali ta' żmien biex jitlestu għall-użu intenzjonat tagħhom jew għall-bejgħ. L-ispejjeż tas-self huma kkapitalizzati waqt li l-akkwist jew il-kostruzzjoni tinsab għaddejja b'mod attiv, matul il- perijodu ta' żmien li huwa meħtieġ biex jitlesta u jiġi ppreparat l-attiv għall- użu intenzjonat tiegħu. Kapitalizzazzjoni ta' spejjeż tas-self jieqaf ladarba l- attiv huwa sostanzjalment lest għall-użu intenzjonat tiegħu jew il-bejgħ hu komplet u jkun sospiż jekk l-iżvilupp tal-attiv hu sospiż. L-ispejjeż kollha l- oħra tas-self huma mniżżla bħala spiża. Spejjeż tas-self huma rikonoxxuti għall-istrumenti kollha li jġorru interessi fuq bażi tad-dovuti bl-użu tal- metodu ta' imgħax effettiv. Spejjeż tal-interessi jinkludu l-effett tal- amortizzament ta' kull differenza bejn ir-rikavat nett inizjali u l-valur tal- fidi fir-rigward tas-self li jġorr imgħax mill-Partit.

**1.16 Rikonoxximent tad-dħul**

Dħul huwa rikonoxxut fil-kontijiet finanzjarji meta jkun hemm ċertezza raġonevoli li riżors partikolari jkun riċevibbli, id-dritt tal-Partit għalih isir infurzabbli legalment u meta l-valur monetarju tiegħu jista' jiġi ddeterminat.

Donazzjonijiet monetarji u dħul minn sħubija huma kontabilizzati meta l- fondi huma rċevuti li, fid-dawl tan-natura ta' dak id-dħul, huwa determinat mill-Partit li jkun il-punt fil-ħin meta jkun hemm probabbiltà li l-benefiċċji ekonomiċi assoċjati mad-dħul se jgħaddu lill-entità.

Meta r-riskju u l-premjijiet li jappartjenu għal avvenimenti ta' natura ta' ġbir ta' fondi ma jkunux a karigu tal-Partit, huwa biss l-eċċess jew id-defiċit nett li jiġi kkontabilizzat taħt l-intestatura rispettiva fil-kontijiet finanzjarji.

Legati huma kontabilizzati bħala dħul, matul il-perjodu meta d-dritt għall-attiv ttrasferit lill-partit permezz ta' legat isir infurzabbli mill-Partit.

Self pagabbli li huma rinunzjati huma kkontabilizzati bħala donazzjonijiet fil-perjodu meta din ir-rinunzja ssir effettiva u nfurzabbli mill-partit.

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**Sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità** - *ikompli*

Meta parti terza tkun ġarbet il-kost jew tkun astjeniet milli tħallas, għal kollox jew f'parti, id-drittijiet konnessi ma' provvista kummerċjali ta' ħwejjeġ jew servizz, li l-Partit kien xort'oħra jkun obbligat għalihom, il- valur ġust konness ma' dak in-negozju li ma jkunx iġorr obbligu ta' ħlas mill-Partit jitqies bħala dħul nozzjonali u jiġi kontabilizzat taħt id-dħul fid- dikjarazzjoni tad-dħul u infiq. Servizzi ta' voluntiera u membri tal-partit li

jipprovdu s-servizzi mingħajr ħlas ma jiġux trattati bħala dħul nozzjonali, u għaldaqstant ma jiġix ikkontabilizzat.

Dħul mill-imgħax huwa rikonoxxut b'referenza għaż-żmien tad-dħul bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

Dħul minn dividendi huwa rikonoxxut meta d-dritt li tirċievi ħlas jiġi stabbilit.

**IL-PARTIT POLITIKU**

*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

2. **SĦUBIJA U SOTTOSKRIZZJONIJIET**

Sħubija u sottoskrizzjonijiet huma magħmula minn:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Sħubija korporattiva | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sottoskrizzjonijiet individwali | | |

3. **DONAZZJONIJIET**

Donazzjonijiet totali rrappurtati jinkludu:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Donazzjonijiet korporattivi | | |
| Donazzjonijiet individwali | | |

Id-donazzjonijiet kollha, inklużi d-donazzjonijiet mhux fi flus, huma suġġetti għal aktar rekwiżiti ta' rappurtar kif deskritt fl-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi (Kap. 544).

4. **DONAZZJONIJIET NOZZJONALI**

Total ta' donazzjonijiet nozzjonali rrappurtati jinkludi:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Tip1 | | |
| Tip 2 | | |
| Tip 3 | | |
| Tip 4 | | |

Kif iddikjarat fin-nota 1.16 Rikonoxximent tad-dħul, donazzjonijiet nozzjonali huma vvalutati bil-valur kummerċjali ekwivalenti.

**IL-PARTIT POLITIKU**

*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

5. **ĠBIR TA' FONDI**

Sorsi totali ewlenin ta' dħul ta' ġbir ta' fondi fis-sena kienu kif ġej:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Kategorija 1 | | |

| | | |
|---|---|---|
| Kategorija 2 | | |
| Kategorija 3 | | |
| Kategorija 4 | | |
| | **2025**<br>**€** | **2024**<br>**€** |
| **Nefqa** | | |
| Kategorija 1 | | |
| Kategorija 2 | | |
| Kategorija 3 | | |
| Kategorija 4 | | |

## 6. ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI

Total ta' sorsi prinċipali ta' dħul kummerċjali organizzat mill-Partit fis-sena kienu kif ġej:

| | **2025**<br>**€** | **2024**<br>**€** |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Kategorija 1 | | |
| Kategorija 2 | | |
| Kategorija 3 | | |
| Kategorija 4 | | |
| | **2025**<br>**€** | **2024**<br>**€** |
| **Nefqa** | | |
| Kategorija 1 | | |
| Kategorija 2 | | |
| Kategorija 3 | | |
| Kategorija 4 | | |

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

## 7. AMMONTI OĦRA MIBGĦUTA MINN FERGĦAT

Sħubija u sottoskrizzjonijiet mibgħuta minn fergħat huma inklużi f'nota 2 ta' dawn il-kontijiet finanzjarji. Il-bilanċ tal-finanzjament trasferit lejn l-uffiċċju prinċipali minn fergħat jinkludi:

| | **2025**<br>**€** | **2024**<br>**€** |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Nefqa | | |
| Kategorija 1 | | |
| Kategorija 2 | | |
| Kategorija 3 | | |

(*Nota*:- It-tabella ta' hawn fuq għandha tikkategorizza komponenti ewlenin ta' dħul, jekk materjali. Jekk ma jkunx materjali, il-kliem u t-tabella ta' hawn fuq jistgħu jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-bilanċ jinkludi ammonti mixxellanji mibgħuta lill- uffiċċju prinċipali minn fergħat tal-Partit.")

**8. DĦUL MINN TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI**

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Imgħax riċevibbli fuq depożiti bankarji | | |
| Dħul minn investiment | | |

**9. DĦUL MIXXELLANJU**

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Dħul mill-kirijiet | | |
| Dħul minn servizzi | | |
| Dħul ieħor | | |

**IL-PARTIT POLITIKU**

*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**10. EĊĊESS/(DEFIĊIT)**

L-eċċess/(defiċit) huwa ddikjarat wara li jitnaqqsu:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Spejjeż tal-impjegati (Nota 11) | | |
| Ħlas lill-awdituri | | |
| Deprezzament ta' assi tanġibbli fissi (Nota 16) | | |

| | | |
|---|---|---|
| Deprezzament ta' proprjetà ta' investiment (Nota 17) | | |

**11. SPEJJEŻ TAL-IMPJEGATI**

L-ispejjeż tal-impjegati minfuqa matul is-sena kienu kif ġej:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Pagi u salarji | | |
| Spejjeż tas-sigurtà soċjali | | |

L-għadd medju ta' persuni mpjegati mill-Partit matul is-sena kien XX (2015: YY).

**12. SPEJJEŻ TA' AMMINISTRAZZJONI**

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Spejjeż ta' kommunikazzjoni | | |
| Vjaġġar u divertiment | | |
| Spejjeż legali u professjonali | | |
| Ħlasijiet tal-kera | | |
| Dawl u ilma | | |
| Ħlas lill-awdituri | | |
| Posta, stampar u kartolerija | | |
| Spejjeż ġenerali (kategoriji oħra kif xieraq) | | |
| Spejjeż oħra ta' amministrazzjoni | | |



**13. TRASFERIMENTI LILL-FERGĦAT**

Trasferimenti lill-fergħat saru għal dawn l-iskopijiet:

*(Nota: Ipprovdi deskrizzjoni, jew ikkategorizza t-trasferimenti skont l-iskop jekk materjali).*

**14. SPEJJEŻ TAL-KAMPANJA U ELEZZJONI**

L-ispejjeż tal-kampanja jinkludu spejjeż elettorali u spejjeż oħra minfuqa fir-rigward ta' elezzjonijiet jew kampanji referendarji, jew promozzjoni politika u jinkludu:

*(Nota: id-dettalji għandhom jingħataw għal kull elezzjoni differenti, bye-elezzjoni, referendum, eċċ)*

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| *Elezzjoni Ġenerali, 20XX* | | |
| Spejjeż tal-elezzjoni | | |
| Spejjeż oħra tal-kampanja | | |
| Donazzjonijiet mhux fi flus | | |

*Promozzjoni Ġenerali tal-Partit u policy (konferenzi, publikazzjonijiet, eċċ)*

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Spejjeż | | |
| Donazzjonijiet mhux fi flus | | |

**15. INFIQ MIXXELLANJU**

L-ispejjeż tal-impjegati minfuqa matul is-sena kienu kif ġej:

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Infiq Kategorija 1 | | |
| Infiq Kategorija 2 | | |
| Infiq Kategorija 3 | | |

**IL-PARTIT POLITIKU**

*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

**16. PROPRJETÀ, IMPJANT U TAGĦMIR**

| | Art u Bini<br>€ | Attrezza-turi u Aċċessjorji tal-uffiċċju<br>€ | Vetturi bil-mutur<br>€ | Total<br>€ |
|---|---|---|---|---|
| **Fil-31 ta' Diċembru 2025** | | | | |
| Ammont nett ta' ftuħ fil-kotba | | | | |
| Żieda | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Tnaqqis għal deprezzament | | | | |
| **Ammont nett tal-għeluq fil-kotba** | | | | |
| | | | | |
| **Fil-31 ta' Dicembru 2025** | | | | |
| Kost jew valutazzjoni | | | | |
| Akkumulat | | | | |
| **Ammont nett fil-kotba** | | | | |
| | | | | |
| **Fil-31 ta' Dicembru 2024** | | | | |
| Kost jew valutazzjoni | | | | |
| Akkumulat | | | | |

## 17. PROPRJETÀ TA' INVESTIMENT

| | **Total €** |
|---|---|
| **Fil-31 ta' Diċembru 2025** | |
| Ammont nett ta' ftuħ fil-kotba | |
| Żieda | |
| Tnaqqis għal deprezzament | |
| **Ammont nett tal-għeluq fil-kotba** | |
| | |
| **Fil-31 ta' Diċembru 2025** | |
| Kost jew valutazzjoni | |
| Deprezzament akkumulat | |
| **Ammont nett fil-kotba** | |
| | |
| **Fil-31 ta' Diċembru 2024** | |
| Kost jew valutazzjoni | |
| Deprezzament akkumulat | |

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

## 18. INVESTIMENTI F'ENTITAJIET IKKONTROLLATI

Sal-31 ta' Diċembru 2015 u 2025, il-Partit kellu l-investimenti li ġejjin f'entitajiet ikkontrollati.

| Entità | Numru ta' reġistrazzjoni € | Uffiċċju reġistrat € | Klassi ta' ishma miżmuma € | Perċentwali ta' ishma miżmuma € |
|---|---|---|---|---|
| Entità 1 | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Entità 2 | | | | |
| Entità 3 | | | | |

| 2025 | Attiv € | Passiv € | Qligħ għas-sena € |
|---|---|---|---|
| Entità 1 | | | |
| Entità 2 | | | |
| | | | |
| **2015** | | | |
| Entità 1 | | | |
| Entità 2 | | | |

| **Entità 1** | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|
| **Sena li ntemmet 31 ta' Diċembru** | | |
| Fil-bidu tas-sena | | |
| Sehem fir-riżultati tal-entità kkontrollata | | |
| **Fl-aħħar tas-sena** | | |
| | | |
| **Fil- 31 ta' Diċembru** | | |
| Kost | | |
| Sehem fir-riżultati | | |
| Kost tal-għeluq u ammont nett fil-kotba | | |

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

| **Entità 2** | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|
| **Sena li ntemmet 31 ta' Diċembru** | | |
| Fil-bidu tas-sena | | |
| Sehem fir-riżultati tal-entità kkontrollata | | |
| **Fl-aħħar tas-sena** | | |
| | | |
| **Fil- 31 ta' Diċembru** | | |
| Kost | | |
| Sehem fir-riżultati | | |

| | | |
|---|---|---|
| Kost tal-għeluq u ammont nett fil-kotba | | |

## 19. INVESTIMENTI FINANZJARJI

Il-movimenti fl-investimenti li huma kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ huma mqassra kif ġej:

| | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|
| **Sena li ntemmet 31 ta' Diċembru** | | |
| Fil-bidu tas-sena | | |
| Żieda | | |
| Disponimenti (bejgħ u fidi) | | |
| Valur ġust nett (telf)/qligħ | | |
| **Fl-aħħar tas-sena** | | |
| | | |
| **Fil-31 ta' Diċembru** | | |
| Kost | | |
| Qligħ ta' valur ġust nett akkumulat | | |
| Ammont nett fil-kotba | | |

## 20. AMMONTI RIĊEVIBBLI OĦRA

| | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|
| VAT rekuperabbli | | |
| Ħlasijiet minn qabel | | |
| Ammonti dovuti minn impriża relatata | | |
| Ammonti riċevibbli oħra | | |

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

## 21. FLUS KONTANTI U L-EKWIVALENTI TA' FLUS

Flus kontanti u l-ekwivalenti ta' flus jikkonsistu fi flus kontanti fl-idejn u bilanċi ma' banek. Flus u l-ekwivalenti ta' flus jirrikonċiljaw għall-ammonti murija fil-karta tal-bilanċ kif ġej:

| | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|
| Flus fil-bank u fl-idejn | | |
| *Overdraft* bankarju | | |

## 22. RIŻERVI

**Riżerva tar-rivalutazzjoni**

Ir-riżerva tar-rivalutazzjoni tikkonsisti fi qligħ u telf tar-rivalutazzjoni fuq il-proprjetà tal-Partit, nett kull element ta' taxxa attribwibbli.

**Riżervi oħra**

Ir-riżerva l-oħra tirrappreżenta riżerva ta' natura ġenerali.

23. **SELF**

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| **Dovuti fi żmien sena** | | |
| *Overdraft* bankarju | | |
| Self mill-bank | | |
| Self minn terzi persuni | | |
| | | |
| **Dovuti wara sena** | | |
| Self mill-bank (Nota ii) | | |
| Self minn terzi persuni | | |

**Self totali**

i. Il-faċilità ta' *overdraft* bankarju kien miksub biex jiġi ffinanzjat (agħti r-raġuni). Dan iġorr imgħax ta' 4.0% fis-sena u huwa assigurat b'ipoteki ġenerali u speċjali fuq il-proprjetà tal-Partit.

ii. Il-Partit għandu żewġ self bankarju kif ġej:

Self 1: Is-self bankarju inkiseb sabiex (agħti r-raġuni). Is-self iġorr imgħax ta' 6.2% fis-sena u huwa assigurat b'ipoteki ġenerali u speċjali fuq il- proprjetà tal-Partit. Huwa riġagabbli fuq pagamenti trimestrali ta' €XX,XXX inklussiv ta' interess fuq perjodu ta' seba' snin mill-ewwel ġbid ta' self. Is- self irid jitħallas sa April 2025.

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

Self 2: Il-Partit kiseb dan is-self sabiex (agħti r-raġuni). Is-self iġorr imgħax ta' 6.0% fis-sena u huwa assigurat b'ipoteki ġenerali u speċjali fuq il-proprjetà tal-Partit. Huwa jitħallas b'pagamenti mensili ta' €X,XXX inklussiv ta' interess fuq perjodu ta' tliet snin mill-ewwel ġbid ta' kreditu tagħha.

Ir-rata ta' imgħax medja fuq il-self bankarju kien XXX (2015: XXX)

Self ieħor ġie miksub minn terzi persuni għall-iskop ta' (*agħti r-raġuni*) Ir-rata ta' imgħax medja fuq il-self l-ieħor kien (2015: XXX)

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Maturità tas-self li jkunu dovuti wara sena: | | |
| Bejn sena u sentejn | | |
| Aktar tard minn sentejn izda mhux iktar tard minn ħames snin | | |
| Aktar tard minn 5 snin | | |

## 24. PROVVEDIMENTI

Il-provvediment li jammonta għal €XXX jirrigwardja ammont li l-Partit ikun iddetermina li x'aktarx se jiġi mħallas fil-perjodu tal-kontabilità li jmiss, wara talba mressqa kontrih minn wieħed mill-impjegati preċedenti tiegħu.

## 25. AMMONTI PAGABBLI OĦRA

| | 2025<br>€ | 2024<br>€ |
|---|---|---|
| Dovuti fi żmien sena | | |
| Kredituri | | |
| Akkumulazzjonijiet | | |
| Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxi indiretti | | |
| Dħul differit | | |

**IL-PARTIT POLITIKU**
*Rapport Annwali u Kontijiet Finanzjarji - 31 Diċembru 2025*

## 26. FLUS IĠĠENERATI MINN OPERAZZJONIJIET

Rikonċiljazzjoni ta' eċċess ma' flus iġġenerati minn operazzjonijiet:

| | 2025<br>% | 2024<br>% |
|---|---|---|
| Eċċess għas-sena | | |
| Aġġustamenti għal: | | |
| Dħul minn investimenti | | |
| Amortizzament | | |
| Deprezzament | | |
| Qligħ minn disponimenti ta' proprjetà, impjant u tagħmir | | |

| | | |
|---|---|---|
| Taħsir ta' debituri | | |
| Moviment f': | | |
| Debituri u ħlasijiet minn qabel | | |
| Kredituri u akkumulazzjonijiet | | |
| **Flus iġġenerati minn operazzjonijiet** | | |